# Kif Bdiet il-Pika bejn San Ġużepp u San Anard f'Ħal Kirkop

*Kitba ta' Dr. Simon Mercieca*

**Nota Editorjali**

L-istudju storiku li ser jippreżentalna Dr. Simon Mercieca, ser jifta' dawl ġdid fuq dak li għal ħafna ġenerazzjonijiet kien it-twemmin komuni fir-raħal tagħna. Huwa għalhekk li, dak li għal ħafna snin kien u għadu meqjus bħal 'ovvju', ser jiġi sfidat b'fatti nteressanti bbażati fuq sigħat twal ta' riċerka. Dr. Mercieca ser jagħmel dan billi jmur f'ras il-għajn; u għaldaqstant jibda mill-propja għeruq tal-kwistjoni kollha, sabiex minn hemm jimxi tul is-snin segwenti u jiżvolġi l-aktar elementi relevanti għal din ir-riċerka.

Dan l-istudju ser jagħtina wkoll ir-raġunijiet wara ċertu tradizzjonijiet u realtajiet li għadna ngħixuhom sa llum, u li wħud minnhom imorru lura għal saħansitra 130 sena ilu. Fost l-oħrajn ser jissemmew ukoll punti nteressanti dwar l-oriġini tal-baned f'raħalna, u li għalhekk ser ikomplu jiddgħajfu ċertu opinjonijiet storiċi li huma kompletament żbaljati u nfondati.

L-istorja tat-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp għad trid tinkiteb u nispera li nsib il-ħin biex nagħti sehmi f'din il-kitba. L-importanza tagħha ġejja mill-fatt tax-xogħol li kien għamel il-mibki Jeremy Boissevain fuq dan ir-raħal. Għalhekk, bħala akkademiku jinteressani nara jekk il-premessi ta' Boissevain għandhomx għeruq u validazzjoni storika. Dan wassalni biex nibda riċerka fuq Ħal Kirkop li kienet in parti mbuttata mill-kollega tiegħi fl-Università, il-Professur Orazju Vella. Kont anki tajtu żewġ artikli dwar l-istorja ta' dan ir-raħal għal ktieb li ħa ħsieb jeditja. Wara kont ġejt avviċinat minn Angelo Schembri biex niżviluppa aktar dan is-suġġett u aċċettajt li nkompli nfittex dwar l-istorja tad-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Ħal Kirkop. Sa issa lestejt mill-bidu tal-parroċċa sal-1900. Bħala storiku, il-ħidma tiegħi kienet ibbażata fuq id-dokumenti storiċi u hawn fejn ħadt l-ikbar sorpriża.

Minn meta Jeremy Boissevain kiteb il-ktieb tiegħu *'Saints and Fireworks'*, il-pika bejn San Ġużepp u San Anard f'Ħal Kirkop kienet titqies bħala eżempju tal-festa partiti f'Malta. Dawk kollha li sa ftit ilu kienu jiftakru lil Dun Ġużepp Barbara, kollha jfakkruh bħala Ġużeppin akkanit. Naħseb li Barbara stess xtaq li jibqa' mfakkar bħala galoppin tal-Festa ta' San Ġużepp f'dan ir-raħal.

Bħala tifel li trabbejt f'Raħal Ġdid, l-istejjer li kont nisma' dwar Barbara kienu f'dan is-sens. Ir-raġuni għala kont qed nismagħhom kienet ġejja mill-fatt, li l-kappillan li laħaq wara Barbara, kien minn Raħal Ġdid u spiċċa kappillan Raħal Ġdid wara li serva b'suċċess f'Ħal Kirkop. Qed nirreferi għal Francesco Xuereb, li twieled iż-Żejtun iżda trabba u ħa l-ewwel quddiesa tiegħu f'Raħal Ġdid.

Francesco Xuereb kien mitqies bħala qassis ideali biex imur Ħal Kirkop. Wara parrokkat ta' aktar minn 50 sena, il-kurja riedet qassis żagħżugħ u ta' rieda soda u kuraġġuż biex imur imexxi din il-parroċċa żgħira. Fi kliem ieħor, riedu qassis kapaċi biex jibdel ir-rotta. Xuereb kellu persuntu tgħinu. Kien twil, mibni u b'saħħtu u wieħed minn dawk li ma jdawwarx il-fehma tiegħu malajr.

Xuereb ma kienx xi wieħed li jħobb ħafna l-festi ta' barra u m'għandix dubju li dawn batew fi żmienu f'Ħal Kirkop. Naħseb li ma tantx kien interessat li jqajjem il-festa ta' San Leonardu iżda li jnaqqas



Il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara D.D. – ragħaj tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop għal 56 sena sħaħ, benefattur kbir tal-Parroċċa Koppija u tal-Fratellanza ta' San Ġużepp

mill-importanza li l-Festa ta' San Ġużepp kienet ħadet sa issa. Dan għamlu mhux għax hu kellu xi animożità personali mal-fazzjoni f'dan ir-raħal li kienet taħdem għal din il-festa, iżda minħabba l-Konċilju Reġjonali li kien sar u d-direzzjoni li kienet ħarġet minnu. Il-ħsieb kien ċar. Il-festi sekondarji kellhom jispiċċaw u jkunu promossi biss il-festi prinċipali.

Iżda f'Ħal Kirkop mhux la kemm twaqqaf il-Festa ta' San Ġużepp. Għalhekk dak li għamel Xuereb kien li jitfa' l-enfasi fuq il-knisja u dan għamlu billi beda l-proġett tat-tneħħija tal-oqbra u minflok jagħmel il-pavimentar. Għal bidu ma kienx sab voluntiera. Kien litteralment beda jnaddafhom hu b'idejh waħdu. Apposta kien ħalla l-bieb tal-knisja miftuħ. Meta rawh jaħdem, in-nies bdew ġejjin biex jgħinuh. Kienet l-ewwel azzjoni tiegħu biex jirbaħ il-qlub tal-Koppin.

Imbagħad beda jaħdem biex iqawwi l-festa ta' San Leonardu. Minħabba f'hekk hu mitqies bħala aktar li kien ma' dan il-qaddis milli ma' San Ġużepp. Ir-raġuni kienet li hu ried isaħħaħ it-titular. Żgur li Xuereb kien mitqies bħala suċċess f'Ħal Kirkop mal-Kurja tant li ngħata promozzjoni u ntbagħat kappillan f'pajjiżu Raħal Ġdid fejn ġie mogħti l-inkarigu li jispiċċa l-bini tal-knisja parrokkjali, proġett li kien inqabad fil-pika bejn fazzjonijiet ta' natura politika. Il-bini tal-knisja nqabad fil-pika tal-partiti politiċi, l-ewwel bejn il-kurrenti Nazzjonalisti u dawk Stricklandjani u wara l-gwerra bejn dawk Laburisti u Nazzjonalisti. Bl-esperjenza li kien akkwista f'Ħal Kirkop, Xuereb deher l-aħjar għażla għal dan ir-raħal. Fuq kollox, ma tħallewx fi żmienu u f'ta' warajh jikbru festi oħra, fosthom dik lejn San Ġużepp f' Raħal Ġdid.

Tant kemm kien il-parrokkat ta' Xuereb meqjus suċċess, li meta ntbagħat Raħal Ġdid kien jingħad li ntbagħat f'parroċċa li f'dak iż-żmien, fi triq waħda tagħha, jiġifieri Strada Loggia, li kienet tinkludi dik il-ħabta l-parti li llum hija magħrufa bħala Triq l-Arkata u Triq Ġużè Damato, kellha fiha n-nies kollha li kienu joqgħdu f'Ħal Kirkop.

Żgur li wara li Xuereb telaq minn Ħal Kirkop kien żamm rabta mal-festa ta' San Leonardu. Pereżempju, bħala tifel niftakar lin-nies jitkellmu fis-sagristija ta' Raħal Ġdid dwar meta l-pedestall ta' San Leonardu, li kien sar f'Bolzano, kien għamel xi żmien fil-garaxx personali li Xuereb kellu mad-dar, wara l-knisja f'Raħal Ġdid.

Smajt stejjer minn qassisin differenti jirrakkontaw dak li kien sar parti mill-memorja kollettiva jiġifieri kemm Barbara kien paladin kbir tal-Festa ta' San Ġużepp. Il-piki kienu qawwijin ħafna. Pereżempju, fil-festa liturġika tat-Tre Re, il-Kappillan kien u għadu jħabbar il-festi maġġuri tal-knisja u jgħid meta dawn kienu ser jaħbtu u magħhom kien iżid iċ-ċelebrazzjoni tal-festi fil-parroċċa tiegħu. Din it-tħabbira għadha ssir sal-lum. Fi żmien Barbara, meta din it-tħabbira kien jagħmilha hu, kien jagħti t-titli kollha lil San Ġużepp fosthom dawk ta' Patrun tal-Knisja Universali, Missier Puttattiv ta' Kristu, Għarus Kastissimu ta' Marija, eċċ. Meta kien jiġi mbagħad għal San Leonardu u l-festa tiegħu f'Novembru, kien jgħid biss San Leonardu, jieħu pawsa, u wara jlissen il-kelma mkarkra abbati. B'hekk in-nies jassoċċjaw lil dan il-qaddis mhux ma' mexxej ta' monasteru, iżda mat-tifel, jew aħjar l-abbati li l-qassis ikollu miegħu jgħinu fil-quddiesa. Jingħad ukoll li ġieli neħħa l-fjuri minn quddiem San Leonardu jew xi qaddis ieħor u qegħdhom quddiem San Ġużepp.



**Dun Mikiel Ellul saċerdot Koppi u protagonist ewlieni mal-Kappillan Barbara biex seħħet il-qasma bejn il-partiti tal-festi f'Ħal Kirkop**

Qed ngħid dawn l-istejjer għaliex din hija l-memorja li waslitilna ta' dan il-qassis f'Ħal Kirkop, iżda hija memorja marbuta mal-istejjer matul is-seklu għoxrin. Naħseb ukoll li din kienet il-memorja li l-istess Barbara ried iwassal tiegħu nnifsu, iżda din m'hijiex l-istorja kollha. Hija biss parti mill-istorja. Fil-fatt id-devozzjoni lejn San Ġużepp ma kinitx il-vera raġuni għall-firda jew qasma li seħħet f'Ħal Kirkop u l-anqas ma kien Barbara li beda din id-devozzjoni.

Din il-perċezzjoni żbaljata ġejja mill-fatt li din l-istorja dejjem inkitbet fuq il-memorja kollettiva u għalhekk kulħadd jikteb skont l-istejjer li jkun sema'. Meta ġejt biex infittex l-oriġini ta' din il-firda, sibt li l-Fratellanza ta' San Ġużepp ma kellha x'taqsam xejn magħha. L-inkwiet inqala' bejn il-Kappillan u l-viċi tiegħu, Dun Mikiel Ellul. Il-kwistjoni l-anqas kienet il-festa jew id-devozzjoni ta' San Ġużepp, iżda kif il-parroċċa ta' Ħal Kirkop kellha torganizza l-festa jew tfakkar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes. Din il-kwistjoni tferrxet u spiċċat ġlieda li ddaħħlu fiha l-familji kollha tar-raħal.

Forsi dan li qed ngħid jidher stramb f'għajnejn dawk li qegħdin jaqraw din l-istorja għaliex illum Ħal Kirkop ma' għandu l-ebda tradizzjoni ta' festa tal-Madonna ta' Lourdes anki jekk jidher ċar, li fost l-anzjani, baqa' xi għajdut dwar din il-festa tal-Madonna tal-Lourdes f'Ħal Kirkop u jirreferi għalih Pawlu Azzopardi f'artiklu li kien kiteb fuq il-programm tal-festa ta' San Ġużepp tal-2011.

Aktar jidher stramb jekk ngħid li din il-kwistjoni bdiet madwar l-artal Tal-Grazzja li jinsab fil-kursija quddiem l-artal ta' San Ġużepp. Fuq kollox, jidher aktar stramb jekk ngħid, li meta wasal Barbara Ħal Kirkop, hu daħal bit-tir biex ikompli jkabbar il-festa ta' San Leonardu, li magħha ma kien hemm marbut l-ebda partit imma li minħabba problemi kbar finanzjari kienet marret ħafna lura.

Fil-verità l-festa tar-raħal kienet marret lura fi żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Vella. Ir-raġuni kienu l-fondi finanzjarji tal-parroċċa. Dawn kienu ħżiena ħafna u l-anqas kienu jippermettu li ssir festa bihom. Id-dħul naqas minħabba li l-imgħax li l-knisja ta' Ħal Kirkop kienet qed iddaħħal mill-entitatijiet li kellha, bħal bini u artijiet, baqa' tal-istess ammont kif kien fi żmien il-kavallieri. Il-faqar kien żdied sew f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Fuq kollox, id-dħul kien marbut mal-iskudi u dawn bdew jitilfu l-valur reali tagħhom.

Interessanti hu l-fatt li matul il-parrokkat ta' Dun Ġużepp Vella reġgħet tqajmet id-devozzjoni lejn San Ġużepp. Din id-devozzjoni kellha għeruq fondi f'Ħal Kirkop li jmorru lura għas-seklu sbatax. Minħabba dawn il-problemi ta' flus, anki din il-festa kienet qed tmut. Iżda fi żmien Vella, San Ġużepp kien iddikjarat Patrun Universali tal-Knisja. Dan wassal biex Dun Ġużepp Vella jerġa' jqajjem id-devozzjoni lejn dan il-Qaddis f'Ħal Kirkop, iżda qatt ma għamlu fuq livell tal-festa ta' San Leonardu jew it-tliet festi maġġuri f'dan ir-rahal, li kienu l-Milied, San Benedittu u Corpus Christi. Minflok, kien ikun iċċelebrat fuq il-livell tal-festa tal-Għid il-Kbir, dik tal-Assunta u Pentekoste. Biss il-Festa ta' San Ġużepp, mal-festi l-oħra msemmija kienet tieħu ħsieb li tagħmilhom il-*Veneranda Lampada*, jiġifieri, l-istruttura fil-knisja ta' Ħal Kirkop li fost l-oħrajn kienet anki tieħu ħsieb il-festa ta' San Leonardu u t-tlieta l-oħra maġġuri.

Wara Dun Ġużepp Vella laħaq bħala kappillan Dun Ġwann Bonnici. Dan kien għamel l-ewwel pass biex iqawwi mill-ġdid il-festa ta' San Anard. Saħansitra kien ġab l-ewwel statwa biex tintuża fil-purċissjoni ta' dan il-qaddis. Iżda l-parrokkat tiegħu kien qasir ta' sena biss. Warajh ġie Dun Ġużepp Barbara b'tir li jkompli fuq il-passi ta' Dun Ġwann Bonnici.

Barbara kien qassis jipprometti u ġej minn familja tat-tajjeb. Għalhekk seta' jintbagħat mill-kurja f'parroċċa li kienet mitqiesa fqira ħafna. Ħal Kirkop kellu jkun għalih l-ewwel tarġa f'mixja jew karriera li kellha tkun waħda brillanti.

Kif wasal Kappillan, Barbara kellu jħabbat wiċċu mal-finanzi ħżiena tal-knisja li ma kienu qed jippermettu li jagħmel xejn. L-anqas kien hemm vestwarju liturgiku aħseb u ara flus biex jagħmel festa ta' San Anard u t-tliet festi l-oħra marbuta miegħu. B'hekk ħa f'idejh l-amministrazzjoni tal-finanzi tal-knisja. Dawn kienu frammentati u mferrxa. Hu ġabarhom kollha flimkien biex johloq dħul globali wieħed ħalli jkun jista' jagħmel xi ħaġa. Is-sistema qabel kienet, li kull entità jkollha d-dħul tagħha separat u dan jibqa' separat u kull nefqa ssir skont l-intenzjoni li għalih twaqqaf dak id-dħul. F'din is-sistema meta jagħmel id-dejn, anki meta ġabarhom flimkien, xorta waħda baqa' jkollu żbilanċ. Bħala kappillan u prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, beda jidħol garanti personalment għad-dejn li kien qed isir.

L-ewwel ħaġa li għamel Barbara kif laħaq kappillan kienet li solva problema taħraq tal-Fratellanza tas-Sagrament wara li din il-Fratellanza kienet ordnat standard irrakkmat fuq damask aħmar mingħand oħt il-kappillan Vella u ma ħallsuhiex. Kien skandlu kbir dik il-ħabta meta oħt il-Kappillan Vella ħadet il-Fratellanza tas-Sagrament fil-qorti ċivili u rebħet il-kawża.

Fi żmien Vella kienu nbnew iż-żewġ kampnari fuq il-faċċata



**Dehra sabiħa tal-Knisja ta' Ħal Kirkop armata għall-festa parrokkjali fil-bidu tas-seklu għoxrin. Ta' interess partikolari huwa l-artal Maġġur imżejjen bil-ventartal, statwi tal-Patrijarki, gandlieri u kanupew kollha tal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Fil-każ tat-tużell, kien u għadu jintrama dak li ħallas il-benefattur Franġisku Cassar ta' Qantarejn.**

tal-knisja. Barbara temm ix-xogħol u xtara żewġt iqniepen mingħand il-Parroċċa tal-Furjana. Irnexxielu jdaħħal lill-Parroċċa tal-Furjana minn għajn il-labra għaliex uża l-iżvalutar tal-munita tal-iskudi mal-isterlina biex b'hekk il-prezz jiġi b'irħas. Wieħed irid jiftakar, li sa tmiem is-seklu dsatax, il-flus ta' żmien l-Ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann kienu għadhom munita valida u fl-idejn. Mill-1880 'il quddiem kibret il-ħidma biex dawn il-flus jonqsu u jispiċċaw. Il-valur tagħhom mal-isterlina beda dejjem jitbaxxa. Barbara xtara l-qniepen bl-iskudi mingħajr ma rabat il-valur tal-iskudi mal-isterlina. Hu ħallas nofshom u l-bqija baqgħu dejn bil-valur tal-iskudi dejjem nieżel. Minflok, uża l-flus li kien fadallu biex iħallas il-qniepen, intużaw biex jagħmel opri oħra fil-parroċċa. Imn'Alla li f'dan il-perjodu, kwistjonijiet bħal dawn bejn il-parroċċi ma setgħux jitilgħu quddiem qorti ċivili, iżda riedu bil-fors ikunu trattati quddiem qorti ekkleżjastika, għaliex kieku Barbara kien jispiċċa ħażin.

Bħalma kien il-każ tas-suċċessur tiegħu Xuereb, li bih bdejt dan ir-rakkont, Barbara fittex fil-bidu tal-karriera tiegħu ta' kappillan li jġib lil Ħal Kirkop aktar fil-konswetudnijiet ta' Ruma. Hawn fejn jibda l-inkwiet. Wieħed irid jifhem il-kuntest taż-żmien li fih Barbara qed jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu. Barbara jasal f'Ħal Kirkop ftit wara li l-Papa Piju IX kien iddikjara fl-1854, id-Domma tat-tnissil tal-Madonna mingħajr dnub tan-nisel. Din il-pożizzjoni ssaħħet erba' snin wara bid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes fi Franza. F'Malta, din id-domma kellha effett kbir. Fl-Imqabba kibret il-festa tal-Madonna tal-Ġilju u fil-Qrendi, ddaħħlet dik tal-Madonna ta' Lourdes. Magħha kien hemm id-dikjarazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja fit-8 ta' Dicembru 1870.

Dak li jagħmel Barbara f'ġieħ San Ġużepp kien li ġab statwa żgħira tal-qaddis u wara saret Fratellanza f'ġieħu iżda bħala ċelebrazzjonijiet lejn San Ġużepp baqa' kollox isir kif kien isir fi żmien il-kappillan Vella. Meta tiġi quddiemu l-proposta ta' fratellanza ġdida, Barbara ħass il-bżonn għar-riformi f'dan il-qasam. Ikunu dawn ir-riformi li ser iġibu l-ewwel inkwiet bejnu u l-viċi tiegħu li kien jieħu ħsieb il-fratellanza tar-Rużarju. Fuq kollox il-Fratellanza ta' San Ġużepp ma kinitx l-unika fratellanza li twaqqfet f'dik il-ħabta. Ftit wara titwaqqaf dik li kienet tissejjaħ Unjoni Pija biex tieħu ħsieb il-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Fuq kollox Barbara aċċetta t-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp bil-patt u l-kundizzjoni li l-fratelli jkunu marbuta ma' statut fl-operat tagħhom. Dawk li riedu jwaqqfuha, ma kellhomx oġġezzjoni għal din it-talba. Sa hawn xejn kbir. Iżda Barbara mar pass lil hinn u fittex li ż-żewġ fratellanzi oħra eżistenti f'Ħal Kirkop, jiġifieri dik tas-Sagrament u tar-Rużarju jkollhom statut ukoll. Dawn kien għadhom bla statuti.

B'hekk mar fuq ir-retturi tal-Fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament u pproponielhom jew aħjar imponielhom statut. Tas-Sagrament aċċettaw mill-ewwel. Iżda dawk tar-Rużarju ma ridux jisimgħu li jkollhom statut li jirregolarizza l-ħidma tagħhom, anki jekk dan l-istatut kellu jkun finalment maqbul mill-membri stess. Il-fratelli tar-Rużarju ipprotestaw għaliex ħassew li bl-istatuti issa ser ikollhom aktar kontroll. Biex jevita l-inkwiet, Barbara bagħat l-istatuti tat-tliet fratellanzi kollha flimkien il-kurja għall-approvazzoni.

Iżda n-niċċa li ser tagħti n-nar ser tkun kwistjoni purament reliġjuża bejn Barbara u l-viċi tiegħu Dun Mikiel Ellul. Dan Ellul kien ħa l-quddiesa fit-18 ta' Diċembru 1886 u minn wara din id-data jibda l-inkwiet. Ellul kien il-prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju. F'Ħal Kirkop din il-fratellanza kellha żewġ festi. L-ewwel waħda kienet f'Settembru. It-tieni waħda kienet f'Mejju. Tal-ewwel kienet tiġi ċċelebrata fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju li sa llum jinsab fil-kappellun xellugi tal-knisja. Il-festa ta' Mejju kienet tkun iċċelebrata fuq l-artal tal-Grazzja. Minn żmien Vella kien qed tkun assoċjata biex tfakkar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes.

L-inkwiet ma' Ellul beda minħabba li wara li sar qassis ried ibiddel il-mod ta' kif tkun iċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Lourdes. Ried jagħmel festa akbar. Barbara qabel miegħu li għandha titkabbar din il-festa u d-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes ikunu mfakkra aħjar f'Ħal Kirkop, ħalli l-Kattoliċi jkunu mħeġġa aktar biex jgħidu ir-Rużarju. Fejn ma qablux kien fuq liema artal kellha tkun iċċelebrata din il-festa. Din il-kwistjoni ħolqot ġlieda u firda li għadha f'Ħal Kirkop sa llum.

Barbara ried li din il-kommemorazzjoni ssir fuq l-artal tal-Grazzja, kif dejjem kien isir f'Mejju. Ellul insista li ladarba, kien hemm il-ħsieb li titkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes, biex in-nies jgħidu aktar ir-rużarju f'Mejju allura kien xieraq li din il-festa tibda tiġi mfakkra fuq l-artal tar-Rużarju u mhux aktar fuq dak tal-Grazzja.

Ellul beża' li b'din l-enfasi fuq tal-Grazzja setgħet tinħoloq festa tal-Madonna tal-Lourdes a' skapitu tal-Madonna tar-Rużarju. L-istess beża' l-Kappillan Barbara, li l-festa tar-Rużarju tikber a' skapitu ta' dik ta' San Anard. Dak li ġara wara llum iġib tbissima. Kemm Barbara u Ellul ramaw l-artali rispettivi, wieħed tal-Grazzja u l-ieħor tar-Rużarju. Iż-żewġ artali armati prima u sekonda bl-ewwel u t-tieni filliera ta' gandlieri. Magħhom bħalma jiġri dejjem intrama l-maġġur. Dan it-tip ta' armar mhux permess fil-knisja, għaliex ir-riti l-qodma kienu jitolbu biss biex

il-maġġur u l-artal li fuqu qed issir il-festa (flimkien ma' dak tas-sagrament) setgħu jkunu armati bl-ewwel u bit-tieni ringiela ta' gandlieri.

Il-kappillan spiċċa kiteb lill-kurja fejn qalilhom li l-anqas għall-festa ta' San Leonardu ma jkun hemm daqshekk artali armati b'daqshekk gandlieri!! Barbara ammonixxa wkoll lill-kurja li din l-attitudni ta' Ellul kienet ser twassal għal qasma fir-raħal. Fuq kollox, Ellul ried li fil-festa tar-Rużarju, il-knisja tkun armata bid-damask. Barbara ma kienx kontra din il-proposta. Sa dak iż-żmien, id-damask ma kienx jintrama fil-festa tar-Rużarju. Il-Kappillan Barbara kiteb lill-kurja u qalilhom li hu jaqbel li għandu jintrama d-damask iżda mhux dak li jintuża fil-festa ta' San Leonardu u t-tliet festi l-oħra maġġuri tar-raħal, iżda dak li normalment kien jintuża fil-festa tal-Għid il-Kbir u l-festa ta' San Ġużepp, il-Pentecoste u l-Assunta.

Ellul ma kienx kuntent. Ried li jibda juża l-istess damask tal-festa li tħallas min Franġisku Cassar fl-1877. B'hekk dan id-damask spiċċa jintrama mhux biss f'San Leonardu, San Benedittu, Corpus u l-Milied, iżda fil-festi kollha li kienu jsiru f'Ħal Kirkop, inkluż dik ta' San Ġużepp. Għalhekk illum f'San Ġużepp, il-knisja tkun armata kompluta bid-damask.

Il-Fratellanza tas-Sagrament ħadet ftit għaliha li d-damask li kien jintrama fil-festa tagħha, jiġifieri Corpus Christi, kien ser jibda jintrama anki f'tar-Rużarju, iżda aċċettat is-sitwazzjoni, speċjalment meta l-prokuratur tagħha Pietro Paolo Ellul kien jiġi ħu l-prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju. Min-naħa l-oħra, wara l-mewt mhux mistennija ta' Dun Mikiel Ellul laħaq ħuhom Giuseppe rettur tal-Fratellanza tar-Rużarju.

Meta nqala' dan l-inkwiet, il-kurja nqabdet fuq sieq waħda. Kien għadu kif tneħħa l-Isqof Buhagiar minn Isqof tal-Gżira wara pressjoni mill-Gvern Kolonjali. Ftit kellhom moħħ problemi dwar fuq liema artal kellha ssir il-festa ta' Lourdes fir-raħal zgħir ta' Ħal Kirkop! Is-sitwazzjoni marret għall-agħar u l-għaqda bejn il-Fratellanza tar-Rużarju u dik tas-Sagrament issaħħet meta Barbara ma baqax joħroġ il-vjatku l-Ħadd u minflok beda joħorġu l-Ħamis u minflok taħt il-baldakkin beda juża l-umbrella. Ikun f'dan il-mument, li l-Fratellanza tas-Sagrament tidħol f'pika mal-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Fl-1889, il-fratelli tas-Sagrament iddeċidew li ma jiħdux sehem fil-festa ta' San Ġużepp. Din id-deċiżjoni kienet immexxija minn ftit tal-għira. **Il-Fratelli ta' San Ġużepp kienu tat-tajjeb. Illum ngħidulhom elitisti. Il-fratelli tar-Rużarju u tas-Sagrament kellhom livell edukattiv aktar baxx.** Kienet din il-problema ta' nuqqas ta' litteriżmu u edukazzjoni fuq naħa, u elitiżmu fuq l-oħra, li wassal biex f'Ħal Kirkop titwaqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-assoċjazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Fuq kollox, għax il-Fratelli ta' San Ġużepp kienu tat-tajjeb bdew jagħmlu numru ta' opri għall-festa tagħhom u dan ġab aktar għira fil-komunità żgħira ta' dan ir-raħal.

Skont il-Fratelli ta' San Ġużepp, il-fatt għala l-fratelli tas-Sagrament ma ħadux sehem fil-festa tagħhom kien sar apposta biex inaqqas mis-sbuħija tal-Purċissjoni f'ġieħ San Ġużepp. Minflok, il-Fratelli ħassew li kellhom Festa isbaħ u aħjar. Fis-sena ta' wara kienu l-istess Fratelli ta' San Ġużepp li talbu biex dawk tas-Sagrament ma jitħallewx jieħdu sehem. Fil-verità n-nies tat-tajjeb fir-raħal bdew jiddejqu jkollhom x'jaqsmu mal-fratelli tas-Sagrament u tar-Rużarju. Speċjalment, dawk tas-Sagrament li kienu maledukati u anke maħmuġin. Ġew akkużati li lanqas kienu jinħaslu, mill-Fratelli ta' San Ġużepp. Fl-1890, il-Fratelli ta' San Ġużepp kitbu lill-kurja fejn qalu li ma xtaqux li l-fratelli tas-Sagrament u tar-Rużarju jibqgħu jieħdu sehem fil-purċissjoni tagħhom għax kienu semgħu li kienu ġejjin maħmuġin u bl-agħar konfratiji għall-purċissjoni tagħhom.

Ikunu dawn l-ilmenti li jwasslu biex sal-lum il-Purċissjoni tal-Festa ta' San Ġużepp ma joħorġux il-fratellanzi l-oħra magħha kif isir f'ħafna postijiet oħra



**L-istatwa parrokkjali l-antika kompluta bil-pedestall bl-anġli, hekk kif ġiet ordnata lill-istatwarju magħruf Karlu Darmanin. Din tlestiet u żżanżnet fl-1877, matul l-ewwel sena tal-parrokkat ta' Dun Ġużepp Barbara D.D. Ħajr lil Angelo Schembri għar-ritratt oriġinali**

f'Malta. Qabel dawn l-ilmenti, l-fratellanzi l-oħra kienu joħorġu f'din il-Festa. Kienet deċizjoni tal-kurja li għal din l-purċissjoni joħorġu biss il-Fratelli ta' San Ġużepp. Barbara ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawn id-deċiżjonijiet u l-ittri li ntbagħtu. Kien nutar, Vincenzo Farrugia, membru tal-Fratellanza li kien wieħed mill-perċimes, li kien qed jikteb lill-kurja.

Min-naħa tagħhom il-fratelli tar-Rużarju u tas-Sagrament waħħlu f'Barbara. Bdew jiktbu lill-kurja u jakkużaw lil Barbara li kien qed jippreferi lill-Fratellanza ta' San Ġużepp u dik tal-Qalb ta' Ġesù. Saru akkużi aktar serji. Barbara ġie akkużat li kien qed jamministra ħażin il-fondi tal-knisja, jiġifieri, dawk tal-*Veneranda Lampada*. Dan wassal biex infetħet inkjesta fuq Barbara mill-istess kurja.

Mix-xhieda mogħtija joħroġ li sa dan iż-żmien, Barbara kien għadu mhux qiegħed wara l-Fratellanza ta' San Ġużepp. Il-benefatturi li ħallsu għall-opri ta' din il-Fratellanza affermaw li dawn l-opri ħallsuhom huma minn buthom u mhux ħallashom Barbara kif kien hemm minn qed jallega. Fosthom issemmew numru ta' opri, bħalma kienet is-surġentina tal-fidda, važuni tal-alabastru u t-tużell fost l-oħrajn. Dak li ħareġ minn din l-inkjesta kien li Barbara kien qed jobbliga lill-fratelli li dak kollu li jagħmlu għal użu tal-Festa ta' San Ġużepp kellhom jarmawh fil-festi maġġuri, inkluż dik ta' San Leonardu. Prassi li għadha sal-lum. L-uniku eċċezzjoni kien it-tużell għaliex ta' San Leonardu kellhom wieħed tagħhom.

Iżda l-akkuża l-aktar qawwija u li ġiegħlet lill-Kurja biex tiftaħ inkjesta fuq Barbara kienet dik li Barbara ma kienx qed jamministra l-flus tal-*Veneranda Lampada* kif suppost. Din l-akkuża kienet saret minn Dun Mikiel Ellul. F'din l-inkjesta instab li l-knisja, jew aħjar il-*Veneranda Lampada*, kellha ħafna dejn. Barbara intalab li jagħmel tajjeb għalih. Hu jaċċetta li jħallsu. B'ringrazzjament sar qbil li jsir kwadru taż-żejt tiegħu u jitqiegħed fis-sagristija. Biss l-istorja ma tiqafx hawn. Il-Kurja ħadet id-deċiżjoni li l-viċi Dun Mikiel Ellul jingħata l-amministrazzjoni tal-*Veneranda Lampada*.

It-tneħħija ta' Barbara mit-tmexxija tal-*Veneranda Lampada* baqgħet fil-memorja kollettiva tant li semmieha Boissevain u għamel referenza għaliha mingħajr ma nduna s-sinjifikat tagħha. Anzi bdiet tkun assoċjata mal-Festa ta' San Ġużepp, fis-sens li ma tħalliex jagħmel aktar il-festa ta' San Anard, li kien parti mix-xogħol li kellu fil-*Veneranda Lampada* għaliex kien qiegħed jiffavorixxi lil ta' San Ġużepp. Fil-verità kif rajna, f'din il-kariga, Barbara kien qed jagħmel il-Festa ta' San Ġużepp u ta' San Anard. Meta tneħħa jew itteħditlu l-prokura tal-*Veneranda Lampada*, la l-festa ta' San Anard u l-anqas ta' San Ġużepp ma seta' jkompli jagħmel.

Biex l-affarijiet imorru għall-agħar, Ellul ingħata wkoll it-tmexxija f'idejh, *pro-tempore*, tal-Fratellanza tas-Sagrament. Bħala prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, minflok Barbara, issa kien imiss lilu li jibda jamministra l-festa ta' San Anard u ta' San Ġużepp fost l-oħrajn. Ikun f'dan il-kuntest, li l-Fratellanza tas-Sagrament tidħol għall-Festa ta' San Leonardu. Iżda l-Fratelli ta' San Ġużepp ma għoġobhom xejn dan l-arranġament li l-festa tagħhom ser jibda jieħu ħsiebha Ellul. Ikun f'dan il-mument, jiġifieri s-sena 1891, li verament ir-raħal jinqasam fi tnejn. Il-Fratelli jibdew jorganizzaw il-festa għal rashom. Dan jispjega għala l-Fratellanza spiċċat iżżomm l-armar tal-knisja għandha (u eventawlment bdew jinżammu fil-Każin tal-Banda San Ġużepp). Sakemm il-Festa ta' San Ġużepp kienet taħt il-*Veneranda Lampada*, l-affarijiet tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, kollox kien jinżamm f'armarju fis-sagristija fejn normalment jinżamm it-tiżjin kollu tal-knisja.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li sa dan il-mument, iż-żewġ fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament ma kinux għadhom involuti fl-organizzjoni tal-festa ta' San Leonardu li kienet ta' kulħadd u torganizzaha l-*Veneranda Lampada*. Il-festa tal-Fratellanza tas-Sagrament kienet primarjament *Corpus Christi*. It-triq kienet infetħet biex il-Fratellanza tas-Sagrament u tar-Rużarju jiġu aktar u aktar assoċjati mal-festa titulari. Fil-proċess jintesa l-iskop li għalih twaqqfu, jiġifieri biex jorganizzaw il-festa ta' *Corpus Christi* u l-vjatki u ż-żewġ festi tal-Madonna tar-Rużarju. Dak li hu nteressanti, huwa li matul din il-kontroversja kollha, l-ebda banda ma tissemma' fil-korrispondenza jew fl-inkjesta li saru. Sal-1900, il-kwistjoni kollha kienet iddur mal-fratellanzi.

Barbara jirrispetta d-deċiżjoni li Dun Mikiel Ellul jibda jmexxi l-*Veneranda Lampada*. Ellul ipprova jreġġa' l-arloġġ lura, billi jerġa' jaqsam id-dħul tal-*Veneranda Lampada* skont l-entitajiet u mhux iqiegħed kollox f'qoffa waħda. Min-naħa tiegħu, Barbara baqa' jħallas id-dejn li kellu mal-*Veneranda Lampada* għax-xogħlijiet li kien għamel fil-knisja. Dan il-ħlas żamm ir-rota ddur.

Iżda jekk Dun Mikiel Ellul ħaseb li ser isolvi l-problemi finanzjarji għarralu. Wisq probabbli dawn kibru aktar għax dawk tat-tajjeb, bħalma kienu l-Fratelli ta' San Ġużepp, ma tantx kienu lesti li jikkontribwixxu. Id-diffikultajiet kienu kbar u dan inħass anke fil-fatt li wara sena, Dun Mikiel ħalla t-tmexxija tal-*Veneranda Lampada* f'idejn ħuh. Hu miet ftit wara, jiġifieri fl-1891, jew ħames snin wara li qaddes. Iżda xorta, ftit li xejn sar progress f'dawk li huma finanzi tal-knisja. Ikun f'dan il-kuntest, li jinħolqu verament il-festa partiti f'Ħal Kirkop, għaliex issa ser ikunu l-fratellanzi u l-baned li jridu

jaqdfu biex isibu l-flus u mhux aktar il-*Veneranda Lampada*.

Min-naħa tiegħu, Barbara kien jirrispetta kull deċiżjoni li kienu qed jieħdu l-prokuraturi, Dun Mikiel Ellul, u ħuh. Fost l-oħrajn, matul dan il-perjodu saret il-kurunella f'ġieħ San Leonardu. Ix-xogħol fuqha sar mill-qassis Bormliż Amabile Sisner. Kien f'dan il-perjodu li saret l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, jiġifieri fl-1899, waqt li Barbara ħadem ma' Dun Mikiel Ellul, ftit qabel dan tal-aħħar miet, ħalli l-Unjoni tal-Qalb ta' Ġesù ssir parti mill-Fratellanza tas-Sagrament u b'hekk tonqos it-tensjoni fil-parroċċa.

Peress li l-amministrazzjoni tal-Fratellanza tar-Rużarju u tas-Sagramenti kienu f'idejn l-istess familji, dawn ingħaqdu u twaħħdu mal-festa titulari. L-Unjoni tal-Qalb ta' Ġesù spiċċat. Dak li kien baqa' kienet il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Il-fratelli ta' din il-Fratellanza ġibdu magħhom dawk il-familji li issa bdew iħossuhom esklużi u mhux parti mill-*clan*, li l-familja Ellul kienet iffurmat fil-parroċċa. Peress li Ħal Kirkop kien raħal żgħir, ġlieda ma' familja li kellha għeruq fir-raħal u fiż-żewġ fratellanzi qodma ma setgħetx ma tolqotx lir-raħal kollu. U dak li ġara.

Min-naħa tiegħu, Barbara ħadha bi kbira b'dak li ġralu tant li mar it-Tuneżija fejn kellu xi qraba. Sakemm kien imsiefer, ħalla l-parroċċa f'idejn Dun Mikiel Barbara, li kien għalliem is-Seminarju. Fil-kuntest ta' dak iż-żmien, din l-istorja u din id-deċiżjoni mill-kurja kienet tfisser li jekk hu xtaq li jimxi 'l quddiem fil-ġerarkija tal-knisja, kull ħsieb tarlu mar-riħ. Meta ġie lura mit-Tuneżija, ġie bniedem mibdul. Kien jaf li issa hu kien għal dejjem f'Ħal Kirkop. Il-pożizzjoni tiegħu ta' kappillan ma seta' jneħħihielu ħadd. Bħalma kien fil-każ taċ-ċivil, dak kien post di sentu u żammu sakemm miet. Tul ħajtu, hu qatt ma seta' jkun fil-*clan* ta' Ellul. Ikun f'dan il-kuntest li l-Fratellanza ta' San Ġużepp u Dun Ġużepp Barbara jagħmlu alleanza li ser tibqa' fis-seħħ sakemm miet.

B'hekk din l-istorja turi li dak li jseħħ mhux bilfors jaqbel mal-analiżi antropoloġika anki jekk din tal-aħħar tiftaħar li tibni l-kitba tagħha fuq ix-xjenza. Dan mhux l-ewwel fatt fejn Boissevain mar żmerċ. Mar żmerċ fuq il-festi meta bassar li ser jispiċċaw. Mhux talli ma spiċċawx talli komplew jikbru. Bħala demografiku, l-ikbar sfida li ser ikollhom il-festi m'hix dik ideoloġika, jiġifieri dik li l-antropologi *Marxisti*



1389

Application for Passport 5 · 7 · 9

Christian and Surname in full — A Passport is required for * Reverend Giuseppe Barbara D.D.

Profession — a † Parish Priest - C. Church

Country — Native of ‡ Malta

Destination — and a British Subject, to enable him to proceed from hence to § Tunis

accompanied by wife or children, or with servants state — ||

Date 5th July 1892.

Signature of the Applicant.

Sac. Giuseppe Barbara D.D. Parroco.

This application, properly filled up, is to be left at the Chief Secretary's Office, Palace, between the hours ... and 12 a.m. of each day (Sundays or other Holidays excepted) when the requisite Passport will be granted (if) on the same day between the hours of 2 and 4 p.m.

Applications made after 12 o'clock will stand over till the afternoon of the following day.

**Kopja tal-Applikazzjoni tal-Passaport li l-Kappillan Barbara ressaq għall-approvazzjoni fil-5 ta' Lulju 1892 biex ikun jista' jsiefer Tuneż. Il-kittieb jgħid li kienet żjara lil xi qraba bl-għan li jistrieħ mill-burraxka li kienet inqalgħet ma' Dun Mikiel Ellul. Barbara jħalli lil Mons. Mikiel Barbara jamministra l-Parroċċa minfloku**

ħasbu li ser tkun it-tmiem tal-fidi kattolika u rebħa tal-liberaliżmu progressiv tas-seklu għoxrin. Dan għalihom kien li ser jeqred il-festi. L-isfida hija dik ta' kemm ser ikun hemm żgħażagħ li lesti jaħdmu. Iġifieri l-festi jispiċċaw biss f'dawk il-komunitajiet li ma jibqax ikollhom tfal. Boissevain ħaseb li l-pika bdiet minħabba San Ġużepp meta fil-fatt, il-ġamra li tat in-nar kien nuqqas ta' qbil fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes li llum ħadd m'għadu jassoċċja ma' Ħal Kirkop, u għira bejn il-klassijiet soċjali.

Nispera li jkolli l-enerġija u s-saħħa biex dak li darba wegħdt lil Angelo Schembri nwettqu. Jiġifieri nispiċċa l-istorja ta' din il-Fratellanza u d-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Ħal Kirkop fejn nista' nimraħ f'aktar dettall.